DIVIŻJONI GĦALL-GVERN LOKALI

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-KULTURA,
L-ARTIJIET U L-GVERN LOKALI

# *POLICY*
# dwar
# DEVOLUZZJONI LOKALI

## Linji Gwida

## Proċess tal-applikazzjoni għall-Amministrazzjoni ta' Sit/Proprjetà Pubblika

1. Approvazzjoni minn qabel:

   Kull rikjesta mill-Kunsill Lokali għall-amministrazzjoni ta' sit/proprjetà pubblika teħtieġ l-approvazzjoni tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

2. Verifika tad-disponibbiltà:

   Kunsill Lokali li jixtieq japplika għall-amministrazzjoni ta' sit/proprjetà pubblika għandu l-ewwel jiċċekkja jekk is-sit/proprjetà hijiex disponibbli. Kunsill Lokali jista' jottjeni din l-informazzjoni mill-Awtorità tal-Artijiet permezz tal-formula LC1 (Ara nformazzjoni aktar iddettaljata rigward dan f'paragrafu numru 8 ta dawn il-linji gwida).

3. Formula tal-applikazzjoni:

   Kunsill Lokali li jottjeni konferma li s-sit/proprjetà hi disponibbli, għandu jimla' l-formola tal-Applikazzjoni annessa mal-*policy* bħala Appendiċi I biex jitlob l-approvazzjoni mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

4. Informazzjoni u dokumenti meħtieġa:

   L-informazzjoni kollha rikjesta fil-formola għandha timtela' u jiġu sottomessi d-dokumenti kollha kif speċifikat fil-paragrafu 3 tal-*policy*.

5. Metodu ta' sottomissjoni:

   Il-formola tal- applikazzjoni (Appendiċi I) għandha tintbagħat **biss** permezz ta' imejl lid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* (SPI) fuq **app.dlg@gov.mt**

6. Talbiet għal kjarifiki:

   Kjarifiki jew aktar informazzjoni għandhom jintalbu **biss** permezz ta' imejl fuq **app.dlg@gov.mt**

7. Proċessar u approvazzjoni:

   Wara l-approvazzjoni **biss** mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, l-Kunsill jista' japplika mal-Awtorità tal-Artijiet għall-amministrazzjoni tas-sit/proprjetà.

8. Applikazzjoni mal-Awtorità tal-Artijiet:

   L-applikazzjonijiet isiru **online** permezz tal-formola **LC1** fuq: https://onlineportal.landsauthority.org.mt/Application/LC1
   Din issir biss permezz tal-E-ID tas-Sindku jew tas-Segretarju Eżekuttiv.

9. Użu tal-formola **LC1**:

   Din l-applikazzjoni tista' tintuża sabiex:

   a) It- talba ta' informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-proprjetà/sit.
   b) issir talba għall-amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika.
   c) jingħata *clearance* għal xogħol ta' żamma jew manutenzjoni.
   d) isir tiġdid ta' kuntratt.

10. Approvazzjoni għal xogħlijiet ta' żamma/manutenzjoni:

    Kunsill Lokali li juża l-formola LC1 sabiex jottjeni *clearance* għal xogħol ta' żamma jew manutenzjoni (embellishment), jiġi mitlub li jikseb approvazzjoni minn qabel mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Din l-approvazzjoni tinkiseb permezz ta' l-istess formola u jiġu segwiti l-istess proċeduri bħall-proċess tad-devoluzzjoni.